**B’mod prattiku, kif jistgħu jitmexxew il-laqgħat?**

**Preparazzjoni qabel**

- Nagħżlu *leader* biex jikkordina l-proċess fil-parroċċa/għaqda;
- Nagħżlu lil xi ħadd biex imexxi l-grupp partikulari;
- Nagħżlu **tema** mill-għaxar proposti marbuta ma’ dan il-“vjaġġ” sinodali. Nadattaw it-tema għall-kuntest lokali u parrokkjali.

**Struttura tal-laqgħa**

i. Nidħlu fi spirtu ta’ talb, nitolbu t-talba għas-Sinodu (Adsumus) u nisimgħu l-Kelma ta’ Alla;

ii. Kull persuna taqsam ir-riflessjoni tagħha fuq it-tema/il-mistoqsija prinċipali. Inħallu spazju biex kulħadd ikollu ċans jesprimi ruħu; nisimgħu lil xulxin b’mod profond mingħajr ma ninterrompu lil xulxin;

iii. Wara li kulħadd ikun esprima ruħu, jista’ jsir djalogu bejn il-membri: X’kien dak li ħalla faraġ spiritwali fina? Dan il-punt ngħożżuh/inħalluh idawwalna. X’inhu dak li ġab niket fina? Liema passi l-Ispirtu qed jistedinna nwettqu biex nikbru fil-“mixja flimkien” tagħna?

**Komunikazzjoni**

- **Nieħdu n-noti biex ikun jista’ jintbagħat rapport mill-kordinatur tal-parroċċa/għaqda ta’ mhux aktar minn paġna (A4) bil-punti prinċipali fuq l-email sinodu@maltadiocese.org**